DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 158/2015

tal-11 ta' Ġunju 2015

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE [2016/2193]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 361/2014 tad-9 ta' April 2014 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dokumenti għat-trasport internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u x-xarabank u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2121/98 ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 361/2014 jirrevoka ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2121/98 ([2]), li huwa inkorporat fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement għandu jiġi revokat skont il-Ftehim ŻEE.

(3) Għalhekk, l-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness XIII mal-Ftehim taż-ŻEE għandu jkun emendat kif ġej:

1. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 32a (Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"32aa. **32014 R 0361**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 361/2014 tad-9 ta' April 2014 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dokumenti għat-trasport internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u x-xarabank u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2121/98 (ĠU L 107,10.4.2014, p. 39).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) l-Istati EFTA għandhom jirrikonoxxu dokumenti tal-UE maħruġa mill-Istati Membri tal-UE u l-UE u l-Istati Membri tal-UE għandhom jirrikonoxxu d-dokumenti maħruġa mill-Istati EFTA.

(b) Fl-Artikolu 7, il-kliem "il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni" għandu jinqara "il-leġiżlazzjoni applikabbli skont il-Ftehim ŻEE".

(c) Fid-dokumenti stipulati fl-Annessi II sa VI, il-kliem "Stat Membru jew Stati Membri" għandu jinqara "Stat Membru jew Stati Membri tal-UE jew Stat jew Stati tal-EFTA taż-ŻEE", il-kliem "leġiżlazzjoni tal-Unjoni" u "leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni" għandu jinqara "l-Ftehim ŻEE", il-kliem "il-leġiżlazzjoni Komunitarja" għandu jinqara "il-leġiżlazzjoni applikabbli skont il-Ftehim taż-ŻEE", u l-kliem "liċenzja Komunitarja" għandu jaqra "liċenzja".

(d) It-test ta' punt 1(v) fil-Parti C tad-dokument stipulat fl-Anness II għandu jaqra "taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) jew taxxa fuq il-fatturat fuq servizzi ta' trasport.".

([1]) ĠU L 107, 10.4.2014, p. 39.
([2]) ĠU L 268, 3.10.1998, p. 10.

(e) Fid-dokumenti stipulati fl-Annessi II, III, IV, V u VI, il-kliem "l-Iżlanda (IS), il-Liechtenstein (FL) u n-Norveġja (N)" għandhom jiġu miżjuda ma' kwalunkwe lista ta' sinjali distintivi internazzjonali u l-kliem ", kif adattat għall-għanijiet tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea" għandhom jiżdiedu wara l-kliem "Regolament (KE) Nru 1073/2009" u wara l-kliem "Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 561/2006".

(f) Fit-tabella tad-dokument stabbilit fl-Anness VI, għandhom jiddaħħalu l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin "IS", "FL" u "N"".

2. It-test tal-punt 33c (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2121/98) u tal-Appendiċi 6 huwa mħassar.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 361/2014 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Ġunju 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*), jew dakinhar tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 88/2014 tas-16 ta' Mejju 2014 ([1]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Ġunju 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Gianluca GRIPPA

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

([1]) ĠU L 310, 30.10.2014, p. 40.